# LECTIO DIVINA

# IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD

# MATUL IS-SENA (SENA Ċ)

## Lq 19,1-10

**[Lq:19:1-2] Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani.**

***« Ġeriko » :*** Hija belt li wara li l-ħitan tagħha ġew imfarrka kellha fuqha s-saħta ta' Ġożwe' : « Misħut il-bniedem quddiem il-Mulej li jfettillu jibni din il-belt » (Ġoż 6,26). Hija l-post fejn l-agħma jinsab bilqiegħda (18,35), id-destinazzjoni ta' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin (10,30). Ġesu' jidħol f'relazzjoni ma' l-emarġinat, ma dak li huwa 'misħut'.

***« raġel » :*** Ġesu' jara fih il-kundizzjoni li huwa persuna umana, mentri l-oħrajn jaraw delinkwent.

***« kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani » :*** Il-pubblikani kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani u jkomplu jisolħu liċ-ċittadin ħalli bil-bqija tal-flus jistagħnew huma. Kienu s-simbolu tal-midneb pubbliku. Luqa jirrakkonta din il-verita' għal 11-il darba : Eżempju « Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom : 'Dan il-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin ?' » (Lq 5,30-32).

***« kien għani » :*** Ġesu' jgħid : « Ħażin għalikom intom l-għonja għax il-faraġ tagħkom ħadtuh » (Lq 6,24). Fir-rigward taż-żagħżugħ għani qal : « eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna t'Alla » (18,25). Fil-każ ta' Żakkew dan kollu ma seħħx għax filwaqt li ż-żagħżugħ kien qed jistaħba taħt il-qoxra : « Jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti » (18,21), Żakkew kien midneb pubbliku. Il-midinbin pubbliċi, dejjem esposti għad-disprezz tal-oħrajn, setgħu jgħixu l-umilta' frott tal-umiljazzjoni li kienu jġorru fuqhom u kien faċli għalihom li joħolqu fihom dik il « qalb niedma u sogħbiena ». (Salm 51,19) li twassalhom jibdlu ħajjithom fir-rigward t'Alla, tal-oħrajn u tagħhom infushom.

**[Lq:19:3-4] Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri  'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi.**

***« Kellu xewqa »*** : L-umiljazzjoni li kien iġarrab mill-kundizzjoni li kien raġel qasir u li kien disprezzat minn kulħadd għenitu biex tikber fih ix-xewqa li jiltaqa' ma' Ġesu'.

***« jara min kien Ġesù »*** : L-għama tas-silta ta' qabel (ara 18,41) ried sempliċiment 'jara' lil Ġesu'. Imma Żakkew ried jara 'min kien' Ġesu', ried isir jafu fil-profond.

***« minħabba l-folla »*** : Il-folla kienet ta' tfixkil għalih kif kienet fil-każ tal-għama (ara 18,39). Żakkew ifittex lil Ġesu' bil-limiti u permezz tal-limiti tiegħu (midneb pubbliku/folla). Meta wieħed jippretendi li huwa 'sewwa' quddiem il-Mulej inkun qed jitlef l-***'kairos'***, il-mument deċisiv tal-laqgħa vera ma' Ġesu'.

***« mar jiġri  'l quddiem »*** : Ix-xewqa twasslu jmur jiġri - ***prótrecho***, imsemmija darba oħra biss fil-Vanġelu : « It-tnejn (Pietru u Ġwanni) ġrew flimkien lejn il-qabar » (Ġw 20,4).

***« xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ »*** : Biex jilħaq l-iskop tiegħu Żakkew ma beżax jidher ridikolu min-nies : bniedem magħruf bħalu u f'ċerta pożizzjoni.

**[Lq:19:5-6] Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek." Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu.**

***« ħares 'il fuq u qallu: »*** : Huwa skopra li Ġesu' kien qed ifittex lilu qabel ma kien qed ifittxu huwa stess : « Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom » (Ġw 15,16). « Hu li jħares 'l isfel, lejn is-smewwiet u lejn l-art » (Salm 113,6) jumilja ruħu (Fil 2), did-darba jgħolli ħarstu lejn dak li tela' 'l fuq biex jiltaqa' miegħu.

***« Żakkew, isa… illum »*** : Ix-xena trid isseħħ 'malajr'. Għal Luqa « illum » hija kelma ċentrali. Tissemma fit-twelid « Illum tweldilkom salvatur (2,11) u wkoll fil-mewt ta' Ġesu' : « Illum tkun fil-Ġenna miegħi » (23,43).

***« jeħtieġli »*** : (deî użat 18-il darba f'Luqa). Għal Ġesu' kien meħtieġ li Ġesu' jwettaq ir-Rieda tal-Missier li l-bnedmin kollha jsalvaw.

***« noqgħod għandek »*** : Mhix waqfa ta' malajr (***ménein***) imma li tfisser 'toqgħod/tibqa'', l-istess verb użat fil-ġrajja ta' Għemmaws : « huma ġagħluh jibqa' magħhom » (24,19). Sa issa kienu preżenti verbi li juru moviment *: daħal, għaddej, mar jiġri, ixxabbat…* Meta sseħħ il-laqgħa ma' Ġesu' jidħlu l-verbi statiċi : *noqgħod, laqgħu, jistrieħ*.

Ġesu' ma qallux : 'Inżel malajr għax irrid nikkonvertik'. Huwa joħloq l-ispazju ta' fiduċja u liberta' fejn il-persuna ma tħossiex ġudikata u mbeżża'. Mhijiex il-konverżjoni li tiġi l-ewwel imma l-maħfra. Żakkew ħassu maħfur, milqugħ, aċċettat. L-istess kif ġara fl-istorja tal-Iben il-Ħali : il-Missier jimlieh bil-bews qabel ma huwa stqarr ħtijietu (ara 15, 11-32).
***« kollu ferħan »*** : Għal Luqa d-dixxiplu huwa bniedem ferħan : « ifirħu u aqbżu bil-ferħ, għax araw, ħlaskom kbir fis-sema » (6,23). Fis-Salm ukoll insibu : « Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek » (Salm 51,14).
***« laqgħu għandu »*** : Il-qofol tal-ħelsien jinsab fil-fatt li l-qalb tilqa' lil Ġesu' (ara 2,28 ; 8,15 ; Ġw 1,11-12).

**[Lq:19:7-8] In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed."**
***« lkoll bdew igemgmu bejniethom »*** : Ma setgħux jaċċettaw il-fatt li « Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw » (1 Tim 2,4) u jibda proprju minn dawk li għall-oħrajn huma meqjusa bħala mitlufa (ara 15,6.9.24.32).
***« Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra »*** : Jindirizza lil Ġesu' bħala 'Mulej' li huwa att ta' fidi fih. Huwa jimpenja ruħu li jwettaq ġest konkret li jirrigwardja l-għana, il-materja u d-destinatarji tad-dnub, dawk il-persuni li huwa seraq. Jieqaf fuq id-dnub u jrid bidla fih, b'ġest favur il-ġustizzja u l-kondiviżjoni. Offra iżjed milli l-liġi kienet titolbu jagħmel biex ipatti (ara Num 5,7 ; Lev 5,20-26). Ifisser li kieku kellu jagħmel hekk Żakkew kien ser jiftaqar, jagħti « kulma kellu biex jgħix » (ara 21,4). Ma tistax tinħoloq relazzjoni tajba ma' Ġesu' mingħajr ma tinħoloq relazzjoni tajba mal-oħrajn.

**[Lq:19:9-10] Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."**
***« huwa bin Abraham »*** : Mhuwiex biss bniedem, imma wkoll membru tal-komunita' tal-fidi, iben mqajjem mill-ġebel tad-dnub : « Alla, minn dan l-istess ġebel jista' jqajjem ulied lil Abraham » (3,8).
***« Bin il-bniedem »*** : Jitkellem minnu nnifsu fit-tielet persuna. Jieħu d-distanza biex ipoġġi fiċ-ċentru lill-bniedem salvat, għax « Jien mhux il-ġust ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema » (5,32 ; ara wkoll Eżek 34,16). Is-salvazzjoni tista' tidħol illum, issa, f'kull mument. jekk wieħed jagħmel tiegħu l-kliem ta' Pawlu : « Kristu Ġesu' ġie fid-dinja biex isalva l-midimbin, u fosthom lili l-ewwel wieħed » (1 Tim 1,15).

***GĦAR-RIFLESSJONI:*** La salvezza non e' avvenuta in modo automatico; e' stata offerta, si', gratutitamente, ma Zaccheo ha dovuto *accoglierla* nella sua casa. Solo cosi' ha finalmente scoperto quella gioia vera che andava disperatamente cercando. A questo punto ecco che l'amore genera altro amore: Zaccheo, amato gratuitamente, si rende conto che esistono altre persone che hanno bisogno di amore. Si ricorda dei poveri. ***(Fernando Armellini)***